**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Seduta mizmuma llum 13 ta' Gunju 2018**

**Rikors Numru: 44/2018 CSH**

**B.A.S. Ltd (C-444)**

**vs**

**Concorde International Freight Forwarders Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-26 ta' Frar, 2018 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta prevja kull dikjarazzjoni neccessarja thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' tlettax-il elf, disa' mija, wiehed u ghoxrin ewro, erba' u sittin centezmu (€13,921.64), jew somma ohra verjuri, rapprezentanti danni sofferti mis-socjeta' attrici minhabba negligenza da parte ta' l-istess socjeta' konvenuta wara li giet inkarigata mis-socjeta' attrici biex tiehu hsieb il-merkanzija, liema negligenza waslet sabiex is-socjeta' attrici titharrek u tinsab responsabbli ghad-danni fis-Sentenza fl-ismjiet **A.A.K. Grech Bros. Ltd vs B.A.S. Ltd** (Cit.463/15 MCH) deciza fis-27 ta' Gunju 2017, u f'liema Sentenza gie ritenut li r-responsabilita' tas-socjeta' attrici odjerna hija soggetta ghad-dritt ta' rivalsa fil-konfront tas-socjeta' kovenuta odjerna, minhabba l-fatt li n-nuqqasijiet kienu effettivament tas-socjeta' konvenuta odjerna, u liema danni baqghu ma thallsux lis-socjeta' attrici nonostante diversi interpellazzjonijiet.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-protest gudizzjarju 144/16 u ta' l-ittra ufficjali 2858/17, u l-imghax legali mid-data tat-8 ta' Awissu 2017 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Concorde International Freight Forwarders Limited C 11393 li giet ipprezentata fit-21 ta' Marzu, 2018 fejn eccepiet is-segwenti:

**1.** *Illi l-azzjoni hija preskritta ai termini ta' l-Art 32 (1) tal-Kap 486;*

**2.** *Illi preliminarjament l-esponenti jecepixxu li huma kellhom jigu kjamati fil-kawza fl-ismijiet A.A.K Brothers Limited (C34012) vs B.A.S Limited (C444) fejn kienu jsiru sottomissjonijiet mertu ghal kaz, liema sottomissjoniet ma jistghux isiru stante li l-imsemmija kawza ghaddiet in gudikat;*

**3.** *Illi mhux minnu li hemm negligenza min-naha ta' l-esponenti kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;*

**4.** *Illi jekk tezisti xi negligenza, din hija tal-kumpanija Corneel Geerts Transportgroup NV ta' Bijkhoevelaan 18, B-2110 Wijnegem li ghamlet it-trasport u ghaldaqstant qed tintalab li din il-kumpanija tigi kjamata in kawza;*

**5.** *Illi l-merkanzija in kwistjoni waslet ghand Corneel Geerts Transport group NV fis-17 ta' Lulju 2014, kif jidher fid-dokument hawn anness u mmarkat Dok A. dan huwa kkonfermat mill-istess rikorrenti kif jidher fid-dokument hawn anness u mmarkat Dok B;*

**6.** *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost,ir-rikorrenti kienu negligenti meta*

*a). huma wasslu l-merkanzija u hallewh fil-post il-hazin gewwa l-istabbiliment, fejn inter alia hallew il-merkanzija f'ufficini minflok fil-warehouse bil-konsegwenza li l-istess merkanzija ma gietx registrata/tracjata;*

*b). il-merkanzija in kwistjoni ma kellha ebda marki, sinjali distintivi kif jidher fid-dokument hawn anness u mmarkat Dok C u Dok D;*

*7). Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-merkanzija in kwistjoni nghatat ai termini ta' l-Art 20.1 tal-Kap 486 u dan kif jidher fid-dokumenti hawn annessi u mmarkati Dok E u Dok F;*

*8). Illi l-merkanzija in kwistjoni tinsab fil-pussess tar-rikorrenti, u dan ghandhu jinghata valur stante li zammet il-merkanzija;*

*9). Illi l-esponenti fl-ebda hin ma gew informati u wisq inqas mitluba sabiex iwasslu l-merkanzija f'xi zmien specifiku;*

Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti jew min mill-partijiet huwa responsabbli, bil-partijiet kollha ngunti ghas-subizzjoni.

Semghet lill-avukati tal-partijiet jittrattaw il-kawza u appuntu l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta' intimata dwar il-preskrizzjoni ai terminu tal-Artikolu 32(1) tal-Kapitolu 486 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fis-seduta tal-24 ta' Mejjum 2018, meta l-istess partijiet talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha preliminari dwar l-istess eccezzjoni.

Illi ghalhekk din is-sentenza sejra biss titratta din l-istess eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza giet istitwita mis-socjeta' attrici wara li l-istess socjeta' attrici giet ikkundannata thallas somma flus li giet likwidata mll-Prim Awla tal-Qorti Civli f'kawza li illum tinsab deciza fl-ismijiet **AAK. Grech Bros Limtied vs B.A.S Limited** li giet deciza fis-27 ta' Gunju, 2017, kopja ta din is-sentenza tinsab esebita fl-atti u markati bhala dok D a fol. 7 tal-process. F'dik is-sentenza il-Prim Awla tal-Qorti Civili kienet laqghet it-talba tas-socjeta attrici AAK. Grech Bros Limited u kienet ikkundannat lis-socjeta' B.A.S Limtied thallas lis-socjeta' AAK. Grech Bros Limited is-somma ta' €9,025.18 rappresentanti din is-somma danni sofferti mis-socjeta' AAK. Grech Bros Limtied BAS Limited peress li fil-fehma taghha naqset li twettaq l-obbligi kontrattwali taghha b'mod xieraq li wassal ghad-dewmien u dan bi hsara lill-istess socjeta' attrici.

Jirrizulta minn ezami ta' din is-sentenza li s-socjeta' AAK. Grech Bros Limited kienet fis-16 ta' Mejju, 2014 inkarigat lis-socjeta' attrici sabiex tittrasporta merkanzija precizament magna tal-welding minn ITW Welding Products BV Socjeta registrata gewwa l-Olanda lejn Malta u tikkonsenja lis-socjeta' esponenti l-merkanzija relattiva. Illi ghalhekk l-istess socjeta' attrici AAK. Grech Bros Limited kienet intavolat rikors quddiem il-Prim Awla nhar il-15 ta' Mejju, 2015 fejn talbet lil Qorti tikkundanna lis-socjeta' attrici f'din il-kawza d-danni sofferti minnha minhabba dan it-trasport tardiv u l-Qorti laqghet it-talba tas-socjeta' AAK. Grech Bros Limited u kkundannat lis-socjeta' attrici thallasha s-somma li llum qed titlob minghand is-socjeta' konvenuta.

Is-socjeta' konvenuta qajmet l-eccezzjoni kif prevista fl-Artikolu 32(1) tal-Konvenzjoni dwar il-Kuntratt ghall-Garr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija (CMR), Kap. 486 tal-Ligijiet ta' Malta. li jipprovdi li l-azzjoni tkun preskritta gheluq is-sena.

Illi ma hemm l-ebda dubju li la darba s-socjeta' konvenuta qed tecceppixxi l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici mela allura huwa oneru tal-istess socjeta' konvenuta li tipprova kemm li l-istess preskrizzjoni citata hija dik rikjesta ghal kaz de quo u wkoll li jezistu l-elementi rikjesti bhala fatt ghall-applikazzjoni tal-istess terminu taz-zmien.

Illi fil-fatt inghad fis-sentenza "**Maria Zammit vs Lawrence James Capello et**" (A.C. 19 ta' Novembru 1962 - XLVI.i.372) li:-

"*Il-preskrizzjoni hija eccezzjoni opposta ghall-azzjoni instanti, b'mod li l-konvenut isir attur meta jgib dik l-eccezzjoni l-quddiem, u ghalhekk l-istess 'reus' huwa fl-obbligu li jipprova dak li ghandu jservi bhala fondament tal-azzjoni tieghu*".

Illi din is-sentenza fil-fatt segwiet l-insenjament moghti fis-sentenza "**Pasquale Bonello vs Matteo Grech**" (K.(P.V.) 9 ta' Jannar 1875) fejn similment gie ritenut li:-

"*La prescrizione e' una eccezione opposta alla azione, ed e' regola invariabile che il-convenuto in questo caso diventa attore, spettando a lui di provare cio' che serve di fondamento alla sua eccezione* - Chardon, Del dolo e della frode, Vol.I - Toullier Vol.4 para. 612"

Fil-kawza '**Joseph Ellul Sullivan vs Tancred Tabone'** (Cit 782/04 LFS) deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Ottubru 2005, gie stabbilit illi:-

Il-preskrizzjonijiet qosra huma kollha eccezzjonijiet ghar-regola generali tal-preskrizzjoni li nsibu fl-**Artikolu 2143** tal-Kodici Civili. Ghalhekk, bhal kull eccezzjoni ohra, il-preskrizzjonijiet qosra ghandhom jinghataw interpretazzjoni restrittiva. (Ara kawza fl-ismijiet **Ralph Naudi, Francis Micallef u William Mock vs Maltacom p.l.c.** PA 9-Nov-2001, u **Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd vs Dismar Co. Ltd.** PA 12-Ott-2004, u Baudry- Lacantinerie et Tissier fittrattato Teorico Pratico di Diritto Civile Vol XXVIII, "Della Prescrizione" Par.712).

L-ewwel punt li tixtieq taghmel din il-Qorti hu wiehed ta' indole generali fis-sens illi l-artikolu taht ezami u cioe' l-Artikolu 32 tal-Kapitolu 486 jimporta l-applikazzjoni ta' zmien limitattiv li fih azzjoni ta' rizarciment tad-danni setghet tigi ezercitata. Hu allura car illi d-disposizzjoni ghandha tigi nterpretata, f'kaz ta' dubbju, favur li jippreserva l-azzjoni. F'dan il-kaz allura, favur l-ahjar mod kif ghandha tigi assigurata l-interruzzjoni jew is-sospensjoni tal-perjodu preskrittiv estintiv ta' dik l-azzjoni. L-artikolu ghandu allura jigi interpretat, dejjem f'kaz ta' dubbju, favur li d-dritt tal-kreditur jigi preservat.

Dan ghar-raguni li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ghalkemm rikonoxxuta bhala mehtiega biex tassigura illi l-azzjoni tigi ezercitata entro t-terminu stabbilit biex id-drittijiet u l-obbligi tal-kontendenti jigu debitament accertati, hi minnha nnifisha odjuza u ghandha allura tigi applikata restrittivament. Premessa din li naturalment ma tfissirx illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma ghandhiex tinghata fejn il-ligi hekk tippermetti w m'ghandhiex tigi mill-Qorti debitament milqugha.

Dan l-**Artikolu 32** jaqra hekk:

1. *The period of limitation for an action arising out of carriage under this Convention shall be one year. Nevertheless, in the case of wilful misconduct, or such default as in accordance with the law of the court or tribunal seised of the case, is considered as equivalent to wilful misconduct, the period of limitation shall be three years. The period of limitation shall begin to run:*

a) *In the case of partial loss, damage or delay in delivery, from the date of delivery;*

b) *In the case of total loss, from the thirtieth day after the expiry of the agreed time-limit or where there is no agreed time-limit from the sixtieth day from the date on which the goods were taken over by the carrier;*

*c) In all other cases, on the expiry of a period of three months after the making of the contract of carriage The day on which the period of limitation begins to run shall not be included in the period.*

*2. A written claim shall suspend the period of limitation until such date as the carrier rejects the claim by notification in writing and returns the documents attached thereto. If a part of the claim is admitted the period of limitation shall start to run again only in respect of that part of the claim still in dispute. The burden of proof of the receipt of the claim, or of the reply and of the return of the documents, shall rest with the party relying upon these facts. The running of the period of limitation shall not be suspended by further claims having the same object.*

*3. Subject to the provisions of paragraph 2 above, the extension of the period of limitation shall be governed by the law of the court or tribunal seized of the case. That law shall also govern the fresh accrual of rights of action.*

*4. A right of action which has become barred by lapse of time may not be exercised by way of counterclaim or set-off.*

M'hemmx dubbju li z-zmien imsemmi fl-artikolu 32 tal-Kap 486 zgur li skada u li ma kien hemm l-ebda kitba bejn is-socjeta' attrici w is-socjeta' konvenuta qabel innotifika tar-rikors promotur li seta' jinterrompi l-perijodu ta' preskrizzjoni.

Illi pero' s-socjeta' attrici temmen li l-artikolu tal-preskrizzjoni kif kontemplat fl-artiklu 32(1) tal-kap 486 m'ghandux japplika ghal kaz in desamina stante li fil-konfront tas-socjeta' attrici odjerna gja kien hemm kawza pendenti fuq l-istess mertu bejnha u bejn socjeta' ohra li mhix parti fil-kawza odjerna. Hija l-fehma tas-socjeta' konvenuta li una volta hija ma kienitx parti minn dik il-kawza allura l-gudizzju li nghata ma jorbothiex u ghalhekk tinsisti li l-azzjoni hija praskritta.

L-avukat difensur tas-socjeta' attrici jirribatti l-argumentazzjoni tal-avukat difensur tas-socjeta' konvenuta bili jiccita l-Artikolu 39(4) tal-Kapitolu 486 li jipprovdi s-segwenti:-

39 (4). "*The provisions of article 32 shall apply to claims between carriers. The period of limitation shall, however, begin to run either on the date of the final judicial decision fixing the amount of compensation payable under the provisions of this Convention, or, if there is no such judicial decision, from the actual date of payment*"

Sabiex tghid jekk l-eccezzjoni tirrizultax inkella le, din il-Qorti trid tqis ukoll disposizzjonijiet ohra li jaghmlu parti mit-Titolu XXV tal-Kap.16 li jittratta fuq il-Preskrizzjoni u li fil-fehma taghha, fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti, jista` jkollhom rilevanza ghall-kwistjoni de qua.

Senjatament qeghda tirreferi – ghall-**Artikolu 2131(1)** li jaqra hekk –

Il-preskrizzjoni tinkiser b`talba gudizzjarja, ukoll jekk din it-talba ma tkunx giet innotifikata lill-konvenut minhabba li jkun nieqes minn Malta jew ghal xi raguni tajba ohra, basta li l-attur jissokta l-kawza kontra kuratur mahtur mill-qorti, bil-mod li jinghad fil-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili, u jiehu sentenza fuq dik it-talba.

Ghall-**Artikolu 2137** li jaqra hekk –

Bla hsara ta` disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta` azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista` tigi ezercitata minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.

Din il-Qorti sejra tghaddi biex tqis il-kwistjoni ta` minn meta skattat l-azzjoni ghad-danni.

Tghid dan ghaliex l-attur noe jikkontendi li l-azzjoni setghet tkun minnu ezercitata b`effett mid-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell bejnu u s-socjeta' AAk Grech Brothers Limited.

Il-Qorti f'dan ir-rigward taghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-9 ta` Marzu, 1994 fil-kawza **"Xuereb vs Zammit".** Dik is-sentenza qalet hekk –

*… meta tkun sentenza tal-Qrati li tohloq id-dritt ta` azzjoni, isegwi, illi l-azzjoni gudizzjarja tista` tinbeda biss wara dik is-sentenza u li, wkoll, minn dik id-data tista` tibda tiddekorri l-preskrizzjoni. Mentri meta sentenza tkun semplicement dikjaratorja ta` x` kienet il-posizzjoni guridika korretta qabel beda l-procediment, allura, huwa daqstant iehor car li tali sentenza m`ghandha ebda rilevanza la ghal meta l-azzjoni tal-kreditur setghet tigi*

*intavolata u konsegwentement, ghad-data li minnha bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni.*

Huwa principju tad-dritt illi d-data li taghti bidu ghall-preskrizzjoni hi determinabbli oggettivament u tibda tiddekorri mill-fatt tal-hsara (ara "**Scicluna vs Tracey**", deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta` Gunju, 1900 (Vol.XVII.I.151) u "**Caruana vs Runza",** deciza minn din il-Qorti fis-7 ta` Mejju, 1999).

It-terminu tal-preskrizzjoni jista` jkun sospiz fil-kaz biss li jkun hemm impediment ta` dritt jew cirkostanza li jahseb ghaliha l-Artikolu 2125, pero` mhux minhabba impediment ta` fatt, u dan in omagg ghall-principju li contra non valentum agere non currit praescriptio (ara "**Attard vs Fenech**", deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta` Frar, 1965, "**Xuereb vs Zammi**t" [op. cit.] u "**Chircop vs Muscat",** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta` April, 2000).

L-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier (Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione Cap XII, par 364 pag. 279.) jaffermaw illi –

"*Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e` nato il diritto o l`azione che e` destinata ad estinguere. . .*"

Izjed 'l quddiem (para. 393 bis, pag 306, op.cit.) jghidu hekk –

"*La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell`evento che fa nascere il diritto rimasto finallora puramente eventuale*"

Is-soluzzjoni ghal din il-vertenza tinsab fl-A**rtikolu 2131 tal-Kodici Civili**. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

"*Il-preskrizzjoni tinkiser b'talba gudizzjarja, ukoll jekk din it-talba ma tkunx giet innotifikata lill-konvenut minhabba li jkun nieqes minn Malta jew ghal xi raguni tajba ohra, basta li l-attur jissokta l-kawza contra kuratur mahtur mill-qorti, bil-mod li jinghad fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u jiehu sentenza fuq dik it-talba.*"

Illi jirrizulta mil-provi dokumentarji li ma gewx kontestati li l-kawza li ghamel referenza ghaliha l-attur nomine kienet giet deciza fil-konfront ta' socjeta li hija ghal kollox estraneja ghal dawn il-proceduri u ghalhekk zgur li is-socjeta' attrici lanqas ittentat tinnotifika lis-socjeta' konvenuta b'xi att gudizzjajru li jaffettwa l-andament ta' dik il-kawza. Ma jghamilx sens dak li jghid l-attur nomine li proceduri bejn zewg persuni estraneji ghal konvenut nomine ghandhom b'xi mod ikollhom xi bearing fuqu. Seta' kien il-kaz kieku is-socjeta' attrici zzomm l-azzjoni hajja billi tipprezenta att gudizzjajru sabiex tinterrompi l-prekrizzjoni meta l-kaz ma jkunx wiehed ta' terminu ta' dekadenza.

Jirrizulta mill-atti li l-unika att gudizzjajru li ntbghat mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta kienet il-protest gudizzjajru numru 14/2016 u l-ittra ufficcjali 2858/17 meta l-azzjoni odjerna kienet gja preskritta.

Illi ghalhekk fl-ispirtu ta' dak li jghid l-Artikolu 39 (4) tal-Kapitolu 486, il-kawza li kien hemm pendenti bejn is-socjeta' attrici odjerna u s-socjeta' AAK Grech Brothers Limited ma ghandhiex ikollha effetti dwar sospensjoni tal-preskrizzjoni tat-terminu indikat fl-Artikolu 32(2) tal-Kapitolu 486 u ghalhekk din il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u tiddikjara l-azzjoni preskritta u konsegwentment tiddikjara li mhux ser tiehu konjizzjoni aktar tal-kawza odjerna.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' attrici.

**Dr. Consuelo Scerri Herrera**

**Magistrat**

**Deputat Registratur**